



2024/774

5.3.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/774

tal-1 ta' Marzu 2024

dwar Kodiċi ta' Prattika dwar il-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika għall-valorizzazzjoni tal-għarfien

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 ⁽¹⁾ dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien tirrakkomanda lill-Istati Membri biex iħeġġu u jiffaċilitaw kollaborazzjoni multidixxiplinari u interdixxiplinari biex jistimulaw il-valorizzazzjoni tal-għarfien fl-Ewropa.
- (2) It-tisħiħ tal-kokreazzjoni, tal-produzzjoni konġunta u tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bejn daww involuti fl-industrija, fir-riċerka u fl-innovazzjoni u possibbilment partijiet ikkonċernati oħrajn, bħall-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili, huwa kruċjali biex tissaħħaħ l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni ("R&I") tal-Unjoni. Il-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika tinvolti relazzjonijiet sistemiċi bbażati fuq interessi konġunti bejn partijiet ikkonċernati differenti. Għalhekk, dan ikopri firxa usa' ta' interazzjonijiet lil hinn mir-riċerka konġunta u mit-trasferiment tat-teknoloġija.
- (3) Il-kollaborazzjoni effiċjenti bejn l-industrija u d-dinja -akkademika hija kruċjali biex titħaffef l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u biex jiġu żviluppati teknoloġiji, prodotti u servizzi ġodda biex jiġu indirizzati l-aktar sfidi urġenti tas-soċjetà, bħall-iżgurar ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. L-aġenda Ewropea ġdida għall-innovazzjoni ("NEIA") ⁽²⁾ u l-istrategġija Ewropea għall-universitajiet ⁽³⁾ jidentifikaw il-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u l-industrija bħala mezz kruċjali għall-produzzjoni, għall-valorizzazzjoni u għad-diffużjoni ta' għarfien ġdid. Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-NEIA ⁽⁴⁾ jenfasizzaw li l-kooperazzjoni effettiva fost is-settur tar-riċerka, tan-negozju u dak pubbliku hija waħda mill-forzi mexxejja wara l-valorizzazzjoni tal-għarfien.
- (4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strategġija Ewropea li tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa ⁽⁵⁾ jenfasizzaw li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jenħtieġ li jiġu mħeġġa aktar biex ibiddlu l-għarfien f'ħiliet, f'kompetenzi u f'innovazzjoni billi jiżviluppaw kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab ekonomiċi, soċjali u industrijali fl-ekosistemi lokali u reġjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, u jiffaċilitaw il-mobbiltà intersettorjali bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u sħab oħrajn.
- (5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ⁽⁶⁾ dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa tirrakkomanda lill-Istati Membri jagħmlu enfasi speċifika fuq skemi li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet meħtieġa mir-riċerkaturi biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien. Daww l-iskemi jinkludu s-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ dwar il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja. Tirrakkomanda wkoll il-promozzjoni u l-appoġġ ta' sistemi li jivvalutaw u jippremjaw lir-riċerkaturi. Daww is-sistemi, fost affarijiet oħrajn, jirrikonoxxu diversità ta' eżiti u attivitajiet, inkluż il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja, it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-interazzjoni mas-soċjetà.

⁽¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2022/2415/oj>).

⁽²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni Ġdida (COM(2022) 332 final).

⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strategġija Ewropea għall-Universitajiet (COM(2022) 16 final).

⁽⁴⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni adottati fis-17 ta' Novembru 2022 (Dokument tal-Kunsill 14705/22).

⁽⁵⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strategġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa (2022/C 167/03).

⁽⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (ĠU C, C/2023/1640, 29.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1640/oj>).

- (6) Il-kooperazzjoni internazzjonali hija element ewlieni għar-riċerka u l-innovazzjoni peress li tiffaċilita l-aċċess għal swieq ġodda u trawwem network bejn it-talenti; madankollu, ix-xjenza u t-teknoloġija huma wkoll fil-qalba tat-tensjonijiet ġeopolitiċi f'ambjent globali li qed jinbidel ⁽⁷⁾. Żviluppi oħrajn, bħat-tranżizzjoni lejn ix-xjenza miftuħa u l-bidla lejn l-innovazzjoni miftuħa, jippreżentaw kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet fl-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni li qed tevolvi. Dawn l-iżviluppi jenħtieġ li jiżguraw l-eċċellenza u l-impatt tal-investiment tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni u jissalvagwardjaw l-interessi tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, is-Sett ta' għodod dwar l-indirizzar tal-indhili barrani fir-riċerka u l-innovazzjoni ⁽⁸⁾ jgħin biex tinholq sensibbilizzazzjoni u tinbena reżiljenza fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka f'attivitajiet konġunti tar-riċerka u l-innovazzjoni ⁽⁹⁾.
- (7) L-attivitajiet konġunti tar-riċerka u l-innovazzjoni jippreżentaw sfidi peress li jinvolvu sħab differenti bi sfondi kulturali u professjonali, motivazzjonijiet u interessi differenti ⁽¹⁰⁾. Dawk is-sħab jinkludu universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, komunitajiet lokali, negozji, inklużi intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs), organizzazzjonijiet mhux governattivi u sħab soċjali.
- (8) L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tipprovdi gwida u għodod dettaljati għal dawk involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni. Din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-ħolqien ta' ambjent abilitanti u kundizzjonijiet ta' suċċess għall-ħolqien konġunt. Jenħtieġ li tgħin fl-iżvilupp ta' mudelli interattivi u trawwem ir-rwol tal-intermedjarji u tal-pjattaformi diġitali li jiffaċilitaw il-kokreazzjoni u jqabbli aħjar il-provvista u d-domanda tal-innovazzjoni.
- (9) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq il-kontribut mill-komunità ta' prattika dwar il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademikagħall-valorizzazzjoni tal-għarfien. Il-Kodiċi ta' Prattika jirrifletti d-direzzjonijiet il-ġodda introdotti mir-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/2415 peress li jinkoraġġixxi l-konnessjonijiet u l-kokreazzjoni bejn dawk kollha involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni u jenfasizza l-importanza ta' ħiliet u prattiki intraprenditorjali. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-azzjoni biex "tiġi aġġornata l-gwida tal-UE għal valorizzazzjoni aħjar tal-għarfien" li hija parti mill-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għall-2022-2024 ⁽¹¹⁾.
- (10) L-atturi kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni involuti fil-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika huma mħeġġa jsegwu din ir-Rakkomandazzjoni. Dawn jinkludu universitajiet u istituzzjonijiet oħrajn tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika u privata, tal-innovazzjoni u tat-teknoloġija, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, negozji ta' kull daqs (inklużi negozji ġodda, spinoffs u negozji li qed jespandu) u intermedjarji (bħall-professjonisti tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija, l-inkubaturi, il-parks tax-xjenza u l-intermedjarji bbażati fuq il-kumpaniji). Għalkemm din ir-Rakkomandazzjoni tikkonċerna l-aktar lill-organizzazzjonijiet, il-kontenut tagħha huwa kruċjali wkoll biex jiggrawda lir-riċerkaturi individwali, lill-innovaturi u lit-timijiet tagħhom fil-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika. Din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tgħin fit-trawwim ta' ambjent dinamiku tar-riċerka u l-innovazzjoni u fl-iżvilupp ta' fehim reċiproku komprensiv dwar l-għanijiet u l-attivitajiet rispettivi tal-industrija u tad-dinja -akkademika.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. DEFINIZZJONIJET

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "valorizzazzjoni tal-għarfien" hija l-proċess tal-ħolqien ta' valur soċjali u ekonomiku mill-għarfien billi oqsma u setturi differenti jintrabtu flimkien u billi r-riżultati tad-*data*, tal-għarfien prattiku u tar-riċerka jiġu trasformati fi prodotti, servizzi, soluzzjonijiet u politiki bbażati fuq l-għarfien sostenibbli li huma ta' benefiċċju għas-soċjetà ⁽¹²⁾;

⁽⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel, COM(2021) 252 final, 18.5.2021.

⁽⁸⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Tackling R&I foreign interference – Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

⁽⁹⁾ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika", JOIN/2023/20 final, 20.6.2023.

⁽¹⁰⁾ Leveraging Innovation Through Collaboration: IP Challenges And Opportunities For SMEs In The Context Of EU-Funded Collaborative Research Projects (lesi.org).

⁽¹¹⁾ Aġenda Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (europa.eu).

⁽¹²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/2415.

- (2) “kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja -akkademika” tfisser il-proċess ta’ produzzjoni konġunta u valorizzazzjoni tal-għarfien bejn l-industrija, l-atturi tar-riċerka u l-innovazzjoni u possibbilment partijiet ikkonċernati oħrajn, bħall-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili ⁽¹³⁾;
- (3) “id-dinja akkademika” tfisser universitajiet u istituzzjonijiet oħrajn tal-edukazzjoni għolja, inklużi organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka u t-teknoloġija ⁽¹⁴⁾, universitajiet tax-xjenza applikata u istituzzjonijiet oħrajn tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għolja;
- (4) “assi intellettuali” tfisser kwalunkwe riżultat jew prodott iġġenerat minn kwalunkwe attività ta’ riċerka u innovazzjoni (bħal drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għarfien Prattiku, prototipi, proċessi, Prattiki, teknoloġiji u software);
- (5) “xjenza miftuħa” tfisser approċċ għall-proċess xjentifiku bbażat fuq il-kooperazzjoni miftuħa fir-rigward ta’ xogħol, strumenti u tixrid tal-għarfien, kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (5) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁵⁾;
- (6) “innovazzjoni miftuħa” tfisser l-approċċ tal-ftuħ tal-proċess ta’ innovazzjoni barra minn organizzazzjoni ⁽¹⁶⁾;
- (7) “aċċess miftuħ” tfisser aċċess, ipprovdut mingħajr hla lill-utent finali, għal data ta’ riċerka, inklużi pubblikazzjonijiet xjentifiċi, f’konformità mal-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 39(3) tar-Regolament (UE) 2021/695.

2. IL-ĦOLQIEN TA’ AMBJENT ABILITANTI GĦALL-KOKREAZZJONI BEJN L-INDUSTRIJA U D-DINJA AKKADEMIKA

2.1. Strateġija, sensibilizzazzjoni u inċentivi

2.1.1. Huwa rrakkomandat li jiġi promoss il-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika fl-istrateġija tal-organizzazzjoni billi:

- (a) tiġi stabbilita missjoni ċara għall-promozzjoni tal-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika għall-valorizzazzjoni tal-għarfien u l-iżvilupp ta’ strateġiji ta’ riċerka u żvilupp adattati għall-iskop approvati mill-maniġment superjuri u medju;
- (b) tiġi mħeġġa l-kollaborazzjoni transdixxiplinari u l-iskambju ta’ għarfien fi ħdan l-organizzazzjoni biex tiġi promossa kultura ta’ innovazzjoni u djalogu miftuħ, il-kondiviżjoni kemm ta’ riżultati tajbin kif ukoll ta’ sfidi u l-apprendiment esperjenzjali;
- (c) b’kunsiderazzjoni tat-twaqqif ta’ timijiet dedikati responsabbli għall-iffaċilitar u l-appoġġ tal-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika; l-investiti l-ħin u r-riżorsi; il-forniment ta’ gwida dwar l-identifikazzjoni ta’ sħab potenzjali (filwaqt li jitqiesu l-interessi, l-impenn, l-esperjenza preċedenti u l-komplementarjetà tal-kapaċitajiet); u l-forniment tal-informazzjoni dwar it-tipi ta’ kokreazzjoni u sħubijiet disponibbli (gradi differenti ta’ involviment, durata u kundizzjonijiet);
- (d) it-tisħiħ tad-djalogu bejn l-industrija u d-dinja akkademika fil-livell tal-istrutturi konsultattivi u t-twerttiq ta’ pjaniżiet direzzjonali konġunti li jinvolvu l-akkademja, l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali, ir-raggruppamenti, in-negozji ġodda u ċ-ċittadini, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta’ bordijiet iddedikati; il-possibbiltà li jiġu organizzati diskussjonijiet madwar mejda, kuntesti jew proċessi kollaborattivi inkluż analiżi tal-ħtiġijiet tal-ħiliet biex jiġu definiti l-isfidi edukattivi u jiġu identifikati l-kompetenzi u l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol bil-ħsieb li l-kurrikulu u l-metodi ta’ tagħlim jiġu adattati kif xieraq u l-istudenti jiġu mgħammra b’ħiliet li jibqgħu validi fil-futur;

⁽¹³⁾ Adattat mill-kunċett tal-ħolqien konġunt tal-għarfien fir-Rapport ta’ Politika tal-OECD “Knowledge co-creation in the 21st Century”.

⁽¹⁴⁾ Adattat mid-definizzjoni tas-settur akkademiku fil-Ftehim ta’ Mudell ta’ Għotja Annotat ta’ Orizzont 2020 https://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/h2020/grants_manual/amga/h2020-amga_en.pdf.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

⁽¹⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/499 tal-1 ta’ Marzu 2023 dwar Kodiċi ta’ Prattika dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali għall-valorizzazzjoni tal-għarfien fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ĠU L 69, 7.3.2023, p. 75, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2023/499/oj>).

- (e) l-iżvilupp ta' strutturi konġunti bħal ċentri tal-innovazzjoni u l-għarfien, istituti virtwali u akkademji tal-intraprenditorja ⁽¹⁷⁾ biex titrawwem il-kooperazzjoni u jiġu stabbiliti ekosistemi interkonnessi sostenibbli; il-possibbiltà li jinħolqu laboratorji ħajjin u jiġu offruti attivitajiet ibbażati fuq l-isfidi bħall-hackathons, li jlaqqgħu flimkien timijiet internazzjonali diversi u transdixxiplinari ta' studenti, riċerkaturi, kumpaniji u bliet biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi li huma rilevanti għall-kumpaniji u l-bliet;
- (f) jinħolqu opportunitajiet għall-ospitar ta' studenti tal-bachelor u tal-master, kandidati għad-dottorat u riċerkaturi postdottorali f'kumpaniji u l-involvement attiv fir-riċerka kollaborattiva u fir-riċerka u l-innovazzjoni orjentati lejn il-missjonijiet;
- (g) jiġu promossi attivitajiet biex jinbnew il-fiduċja u l-għarfien reċiproku (bħan-networking, is-sekondar u l-iskambji tal-persunal bejn is-sħab) u l-użu ta' għodod (bħal vawċers tal-innovazzjoni) biex jitrawmu sħubijiet aktar effiċjenti u sostenibbli.

2.1.2. *Huwa rakkomandat li titkabbar is-sensibilizzazzjoni fl-organizzazzjonijiet dwar il-benefiċċji reċiproċi u l-opportunitajiet għall-ħolqien tal-valur li l-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika tista' toffri billi:*

- (a) titrawwem kultura ta' ħolqien konġunt u ta' apprendiment reċiproku transsettorjali billi jiġu skambjati ideat dwar suġġetti ta' interess komuni u billi jiġu kondiviżi eżempji ta' stejjer ta' suċċess u l-aħjar prattiki ⁽¹⁸⁾;
- (b) jiġu allinjati l-interessi pubbliċi u privati billi jiġu identifikati sfidi u objettivi kondiviżi bejn l-industrija u d-dinja akkademika, bħall-indirizzar tal-ħtiġijiet tas-soċjetà jew l-avvanz tal-innovazzjoni teknoloġika;
- (c) jkun hemm komunikazzjoni dwar il-benefiċċji tal-kokreazzjoni tal-għarfien għall-industrija, bħall-kontribut għal kwalunkwe ħtieġa tas-soċjetà, il-ħolqien ta' impatt soċjali, it-titjib tar-riċerka industrijali, l-aċċess għall-iskambji tat-talent u tal-ħiliet, iż-żieda fl-innovazzjonijiet soċjali u organizzazzjonali fuq il-post tax-xogħol, l-aċċess għal programmi ta' riċerka ffinanzjati pubblikament, il-kondiviżjoni ta' riskji biex jiġu ttestjati ideat u teknoloġiji ġodda, it-titjib ta' prodotti jew servizzi u t-titjib tal-kompetittività tan-negozju;
- (d) jkun hemm komunikazzjoni dwar il-benefiċċji tal-kokreazzjoni tal-għarfien għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka, bħall-kontribut għall-ħtiġijiet tas-soċjetà, il-ħolqien ta' impatt soċjali, l-istimular tal-iżvilupp ta' spin-outs, proġetti u publikazzjonijiet konġunti, l-applikazzjoni industrijali tar-riżultati tar-riċerka, l-esponiment għall-industrija, l-iskambji tal-ħiliet u l-aċċess għall-infrastrutturi, iż-żieda fl-innovazzjonijiet soċjali u organizzazzjonali, it-titjib tal-impjegabbiltà tal-istudenti u tar-riċerkaturi u l-opportunitajiet finanzjarji (inklużi aktar opportunitajiet ta' finanzjament);
- (e) jiġu enfasizzati sħubijiet ta' suċċess bejn l-industrija u d-dinja akkademika fi ħdan l-organizzazzjoni, filwaqt li tiġi enfasizzata l-importanza ta' ġestjoni effettiva tal-assi intellettuali u jintwera l-valur maħluq fil-ħolqien konġunt bejn l-industrija u l-akkademja;
- (f) jkun hemm involviment ma' dawk li jfasslu l-politika u mal-amministrazzjonijiet pubbliċi dwar politiki ta' kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika, inċentivi ta' finanzjament u taxxa (pereżempju, għall-finanzjament ta' dottorati industrijali);
- (g) jinħolqu attivitajiet konġunti (bħal kompetizzjonijiet ta' studju tal-każ, hackathons, kampanji ta' komunikazzjoni, taħriġ konġunt u provi tal-kunċett) u ċ-ċittadini jiġu involuti f'attivitajiet ta' kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/736 ⁽¹⁹⁾.

⁽¹⁷⁾ Bħal dawk stabbiliti mill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej.

⁽¹⁸⁾ Eżempji tal-aħjar prattiki jistgħu jinstabu fir-Repożitorju tal-Aħjar Prattiki | Riċerka u Innovazzjoni (europa.eu).

⁽¹⁹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/736 tal-1 ta' Marzu 2024 dwar Kodiċi ta' Prattika dwar l-involvement ta' ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (OJ L, 2024/736, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2024/736/oj>).

2.1.3. *Huwa rrakkomandat li jiġu pprovduti inċentivi għall-persunal kollu tal-organizzazzjoni mmirata ⁽²⁰⁾ fl-industrija u fid-dinja akkademika biex jipparteċipa fil-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika billi:*

- (a) jiġu rikonnoxxuti u ppremjati sħubijiet ta' suċċess bejn l-industrija u d-dinja akkademika, skambju tal-persunal jew mobbiltà intersettorjali u l-ħiliet żviluppati fil-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika fir-reklutaġġ, fl-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni ⁽²¹⁾, fil-valutazzjonijiet tal-karriera u l-progressjoni tal-persunal; inċentivi oħra, bħall-finanzjament, is-sjeda konġunta tal-proprjetà intellettuali u l-kondiviżjoni tar-royalties;
- (b) jkun hemm komunikazzjoni dwar il-benefiċċji ta' possibbiltajiet differenti ta' kokreazzjoni u ta' sħubija għall-persunal tal-industrija u tal-akkademja, bħall-apprendiment tul il-ħajja, l-iżvilupp professjonali u personali, l-awtonomija fir-riċerka, ir-rwoli ta' tmexxija u l-opportunitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka;
- (c) jiġi involut il-persunal kollu f'mobbiltà intersettorjali bidirezzjonali, mill-industrija għad-dinja akkademika u mid-dinja akkademika għall-industrija, għall-promozzjoni tal-kokreazzjoni u tal-attivitajiet transdixxiplinari, bħall-programmi tal-kampus, biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-applikazzjonijiet prattiċi mill-industrija;
- (d) tingħata informazzjoni lill-persunal kollu dwar għodod u programmi rilevanti, inkluż dwar għotjiet għal proġetti, fellowships, boroż ta' studju, programmi dottorali u postdottorali industrijali, bħall-kollokamenti mhux akkademiċi tal-Fellowships Postdottorali Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) ⁽²²⁾ u n-Networks għad-Dottorat tal-MSCA (inklużi d-dottorati industrijali) ⁽²³⁾, prova ta' għotjiet għall-kunċett ⁽²⁴⁾, alleanzi tal-Universitajiet Ewropej ⁽²⁵⁾, opportunitajiet ta'finanzjament ta' avvjament, servizzi ta' appoġġ, taħriġ u kkwċjar, opportunitajiet ta' finanzjament u avvenimenti.

2.2. L-iżvilupp tal-ħiliet u l-apprendiment tul il-ħajja

2.2.1. *Huwa rrakkomandat li jsir investiment fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-apprendiment tul il-ħajja għal kokreazzjoni msaħħa bejn l-industrija u d-dinja akkademika billi:*

- (a) jiġu pprovduti u mħeġġa opportunitajiet ta' kkwċjar, ta' mentoraġġ u ta' żvilupp professjonali u personali għall-persunal kollu fl-industrija u fid-dinja akkademika (inklużi l-mikrokredenzjali u t-taħriġ vokazzjonali) ⁽²⁶⁾;
- (b) jsir investiment f'opportunitajiet ta' apprendiment differenti u flessibbli, inklużi l-mikrokredenzjali, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jevolvu fl-industrija u fl-akkademja u jiġu involuti l-għalliema u l-lezzuri mistiedna bi profili differenti, speċjalment mill-industrija;
- (c) jissaħħu l-ħiliet trasversali tal-persunal tal-industrija u tad-dinja akkademika meħtieġa għal kollaborazzjoni transdixxiplinari u transsettorjali effettiva, bħall-komunikazzjoni, it-tmexxija, l-adattament għal ambjenti tax-xogħol li qed jinbidlu, il-flessibbiltà u l-ħiliet tan-negozjar;
- (d) jitrawwem fehim komprensiv ta' kif jaħdmu n-negozji u jingħataw taħriġ u possibbiltajiet għall-istudenti u għar-riċerkaturi biex jippreżentaw il-proġetti tagħhom lil bordijiet ta' rappreżentanti industrijali biex jirċievu feedback u jgħolqu network għall-iżvilupp professjonali futur tagħhom, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' inkubaturi tal-istudenti;
- (e) l-iżvilupp ta' ħiliet fil-ġestjoni tal-proġetti, is-superviżjoni u l-mentoraġġ, il-valutazzjoni tal-impatt, il-komunikazzjoni, il-kokreazzjoni tal-għarfien, il-valorizzazzjoni u l-innovazzjoni għall-persunal u l-istudenti kollha madwar id-dinja akkademika; dan jinvolvi taħriġ dwar il-metodoloġiji ta' evalwazzjoni, l-oqfsa ta' kejl u l-valutazzjoni tal-eżiti tal-proġett u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà;
- (f) jitrawwem ħsieb strateġiku u ħiliet intraprenditorjali għall-istudenti u għar-riċerkaturi biex jiżviluppaw spinoffs u negozji ġodda bbażati fuq prodotti u servizzi innovattivi, li jgħibu r-riżultati tar-riċerka tagħhom f'applikazzjonijiet prattiċi fis-suq;

⁽²⁰⁾ Il-persunal kollu jinkludi mhux biss lir-riċerkaturi iżda anke lil persunal ieħor bħall-professionisti tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija u l-manigġers responsabbli għall-medjazzjoni tal-interazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika.

⁽²¹⁾ Abbażi tal-ħidma tal-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (CoARA).

⁽²²⁾ Fellowships Postdottorali tal-MSCA.

⁽²³⁾ Networks Dottorali tal-MSCA.

⁽²⁴⁾ Prova tal-Kunċett | ERC (europa.eu).

⁽²⁵⁾ L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej | Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (europa.eu).

⁽²⁶⁾ F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

- (g) jingħata aktar taħriġ dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni u jitravwem fehim komprensiv tal-funzjonament u l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka fl-industrija kollha, b'mod partikolari l-SMEs, u l-promozzjoni ta' inkubaturi, ċentri ta' innovazzjoni u ċentri ta' diffużjoni tat-teknoloġija biex jiġu appoġġati l-proċessi ta' innovazzjoni tal-SMEs, pereżempju billi wieħed jibni fuq il-ħidma mwettqa taħt Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali ⁽²⁷⁾;
- (h) jingħata taħriġ dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali (it-taħriġ jenħtieġ li jimmira wkoll l-industrija, speċjalment l-SMEs, u d-dinja akkademika inklużi l-istudenti, idealment fi gruppi mħallta) u għandu jiffoka fuq il-ġestjoni tal-assi intellettuali fi proġetti u sħubijiet, inklużi kunsiderazzjonijiet ta' xjenza miftuħa u innovazzjoni miftuħa, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/499;
- (i) jingħata taħriġ dwar l-istandardizzazzjoni biex jittejjeb il-fehim tal-karatteristiċi u r-rabtiet bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-istandardizzazzjoni u kif dawn jistgħu jappoġġaw lil xulxin biex tingħata spinta lill-valorizzazzjoni tal-għarfien, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/498 ⁽²⁸⁾;
- (j) jiġu żviluppati l-ħiliet tal-persunal, tal-istudenti u tar-riċerkaturi fl-użu ta' pjattaformi u għodod diġitali, inklużi dawk relatati mal-litteriżmu tad-data u mal-ġestjoni tad-data għall-valorizzazzjoni tal-għarfien;
- (k) tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni tal-persunal kollu (inkluż il-persunal maniġerjali u amministrattiv) u tar-riċerkaturi fi skemi ta' mobbiltà intersettorjali nazzjonali u internazzjonali rilevanti bejn l-akkademja u l-industrija u skemi oħrajn, bħal Networks Dottorali tal-MSCA, Skambji tal-Persunal tal-MSCA ⁽²⁹⁾, MSCA COFUND ⁽³⁰⁾, Erasmus+ ⁽³¹⁾, programmi edukattivi u ta' taħriġ tal-komunitajiet tal-għarfien u l-innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ⁽³²⁾ u l-Komunità għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà (CERIS).

2.3. Networking u komunikazzjoni

2.3.1. Huwa rrakkomandat li jsir investiment fin-networking, fil-komunikazzjoni u fit-tiswir tar-relazzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademikabilli:

- (a) l-persunal jiġi mħeġġeġ jieħu sehem f'attivitajiet ta' networking fi ħdan l-organizzazzjoni u ma' organizzazzjonijiet esterni u tinholq sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' networking;
- (b) jiġu organizzati u jkun hemm parteċipazzjoni f'avvenimenti li jlaqqgħu flimkien lill-industrija (inklużi SMEs, spin-outs u negozji ġodda, investituri informali, fondi ta' kapital ta' riskju u partijiet ikkonċernati oħrajn) u lid-dinja akkademika biex jiddiskutu interessi, sfidi u opportunitajiet komuni;
- (c) jinżamm network attiv tal-alumni biex jinbnew konnessjonijiet u jiġu pprovduti opportunitajiet għall-intraprendituri alumni u għal dawk li jaħdmu fl-industrija biex jaqsmu l-għarfien espert tagħhom mal-istudenti u jipprovdut mentoraġġ ⁽³³⁾;
- (d) jingħaqdu flimkien raggruppamenti ⁽³⁴⁾, networks ⁽³⁵⁾, pjattaformi ⁽³⁶⁾, komunitajiet ta' prattika, gruppi ta' ħidma konġunti u bordijiet ta' konsulenza (kemm formali kif ukoll informali) u jintużaw servizzi ta' appoġġ disponibbli (bħal inkubaturi, aċċelleraturi, ufficiċċi trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija (KT/TTOs), ufficiċċi ta' kollegament u esperti ta' partijiet terzi) fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali;

⁽²⁷⁾ Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

⁽²⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/498 tal-1 ta' Marzu 2023 dwar Kodiċi ta' Prattika dwar l-istandardizzazzjoni fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ĠU L 69, 7.3.2023, p. 63, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reco/2023/498/oj?locale=mt>).

⁽²⁹⁾ Skambji tal-Persunal | Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (europa.eu).

⁽³⁰⁾ COFUND | Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (europa.eu).

⁽³¹⁾ Paġna Ewlenija | Erasmus+ (europa.eu).

⁽³²⁾ Edukazzjoni Intraprenditorjali tal-EIT: Tgħalliem mill-Protagonisti tal-Innovazzjoni Ewropea | EIT (europa.eu)

⁽³³⁾ Bħall- Alumni tal-EIT | EIT (europa.eu).

⁽³⁴⁾ Bħall-Paġna Ewlenija | Il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni tar-Raggruppamenti.

⁽³⁵⁾ Bħan-Network Enterprise Europe (europa.eu) u l-komunitajiet tal-għarfien u l-innovazzjoni tal-EIT u l-għarfien espert fit-tul tagħhom fl-integrazzjoni tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-edukazzjoni fil-kuntest tal-kollaborazzjoni tal-industrija u tad-dinja akkademika.

⁽³⁶⁾ Bħall-Pjattaforma tar-Riżultati ta' Orizzont (europa.eu).

- (e) tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi, inkluż is-sigurtà tar-riċerka relatata mal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-indhili barrani possibbli ⁽³⁷⁾, u l-promozzjoni ta' sħubijiet bejn in-negozji tal-Unjoni u s-sħab akkademiċi globali ⁽³⁸⁾;
- (f) tiġi mħeġġa komunikazzjoni miftuħa u effettiva u jiġi żgurat il-fehim tat-terminoloġiji użati minn atturi differenti;
- (g) jiġu identifikati u użati pjattaformi diġitali stabbiliti sew u mmexxija b'mod professjonali jew ditti ta' senserija (b'għażliet ta' tiftix, filtri, twissijiet eċċ.) li:
 - (i) ikunu jaqblu mal-industrija u mal-akkademja kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati oħrajn, bħal individwi u awtoritajiet pubbliċi;
 - (ii) jesploraw opportunitajiet ta' kokreazzjoni;
 - (iii) jallinjaw b'mod interattiv l-għanijiet u l-oġettivi;
- (h) jiġu stabbiliti uffiċċji ta' kollegament interni bil-mezzi u r-riżorsi meħtieġa biex jaġixxu bħala punti ta' kuntatt għall-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika li jipprovdu informazzjoni dwar l-opportunitajiet u jiżguraw relazzjonijiet bla xkiel mas-sħab;
- (i) jiġi promoss l-involvement fit-tul u sostenibbli wara l-proġett u jitrawmu relazzjonijiet u sħubijiet kontinwi bejn l-industrija u d-dinja akkademika.

3. IL-ĠESTJONI TAL-ĦOLQIEN KONĠUNT BEJN L-INDUSTRIJA U D-DINJA AKKADEMIKA GĦALL-VALORIZZAZZJONI EFFETTIVA TAL-GĦARFIEN

3.1. Kundizzjonijiet għal sħubijiet ta' suċċess

3.1.1. Huwa rrakkomandat li jiġi żviluppat qafas konġunt ta' sħubija bejn l-industrija u d-dinja akkademika għall-valorizzazzjoni effettiva tal-għarfien billi:

- (a) jkun hemm qbil dwar viżjoni, għanijiet, aspettattivi u oġettivi kondiviżi li jwasslu għal livell għoli ta' involviment u impenn fit-tul filwaqt li tiġi rispettata l-libertà akkademika u, fejn possibbli u rilevanti, jitqies l-involvement ta' partijiet ikkonċernati oħrajn biex jinħoloq il-qafas ta' sħubija;
- (b) jitrawmu l-fiduċja u l-impenn fost il-partijiet kollha involuti fil-qafas ta' sħubija;
- (c) jiġu stabbiliti qafas kuntrattwali ċar u komprensiv, struttura ta' governanza, arranġamenti għall-ġestjoni tas-sħubija u proċedura għas-soluzzjoni tal-kunflitt, kollha bl-appoġġ ta' esperti legali;
- (d) jkun hemm qbil dwar skeda ddettaljata u pjan direzzjonali għas-sħubija, inklużi l-istadji importanti u l-iskadenzi u r-rieżami regolari tagħhom, u titfassal terminoloġija ta' ħidma transsettorjali komuni bejn is-sħab;
- (e) jiġu stabbiliti indikaturi speċifiċi biex jimmonitorjaw u jevalwaw il-progress, il-valur maħluq, l-impatt (ambjentali, teknoloġiku, ekonomiku, soċjetali, politika u tas-saħħa) u s-sostenibbiltà tas-sħubija;
- (f) tiġi żviluppata strateġija konġunta għall-ġestjoni tal-assi intellettuali ⁽³⁹⁾, inklużi kunsiderazzjonijiet dwar l-għarfien tal-isfond, l-iskambju tad-data, il-valwazzjoni, il-ġestjoni konġunta u s-sjeda tal-proprjetà intellettuali, ix-xjenza miftuħa, il-prattiki miftuħa tal-innovazzjoni u l-kontributi għall-istandardizzazzjoni;
- (g) jkun hemm qbil dwar kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità, sjeda tad-data u privatezza tad-data u politika dwar kunflitti ta' interess;
- (h) it-twaqqif ta' struttura ċara għall-kooperazzjoni ma' persunal imħarreġ speċifikament (u tim iddedikat f'organizzazzjonijiet sħab jekk rilevanti); dawn it-timijiet jistgħu jiġu appoġġati minn KT/TTOs għas-sħab akkademiċi jew minn assoċjazzjonijiet rilevanti għas-sħab tal-industrija;

⁽³⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Tackling R&I foreign interference – Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

⁽³⁸⁾ Data disponibbli f'Analiżi tal-Impatt ta' RISE: Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (europa.eu).

⁽³⁹⁾ Huwa rrakkomandat li tiġi segwita l-gwida pprovduta fil-Kodiċi ta' Prattika dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali għall-valorizzazzjoni tal-għarfien fiż-ŻER rigward il-ġestjoni tal-assi intellettuali f'attivitajiet konġunti ta' riċerka u innovazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dwar proġetti ffinanzjati b'mod predominanti minn fondi pubbliċi.

- (i) jiġu promossi l-ugwaljanza, id-diversità, is-sostenibbiltà u l-inklużjoni u jiġi evitat il-preġudizzju bejn il-ġeneri fl-oġġettivi u fl-attivitajiet;
- (j) tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar il-qafas ta' sħubija u l-valuri, ir-rwoli, l-inċentivi u r-riżorsi tas-sħab biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-allinjament.

3.2. L-involvement ta' intermedjarji ⁽⁴⁰⁾

3.2.1. *Huwa rrakkomandat li jitrawwem ir-rwol tal-intermedjarji li jinkoraġġixxu u jimmaniġġaw il-kokreazzjoni sostenibbli fit-tul bejn l-industrija u d-dinja akkademika billi:*

- (a) jibbenefikaw mill-appoġġ ta' diversi tipi ta' intermedjarji, inklużi professjonisti tat-trasferiment tal-ġarfien u tat-teknoloġija u manijers tal-kuntratti li jissorveljaw tranżazzjonijiet formali fi ħdan l-organizzazzjoni (bħal kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-assi intellettuali); l-intermedjarji jistgħu jinkludu wkoll faċilitaturi bbażati fuq il-kumpaniji u faċilitaturi professjonali oħrajn (bħas-settur industrijali jew l-assoċjazzjonijiet xjentifiċi) li jgħinu fid-djalogu u fil-fehim tar-relazzjonijiet ta' ħidma jew tal-organizzazzjonijiet li jissorveljaw l-ispazji ta' kokreazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati (bħal ambjenti ta' esperimentazzjoni, ambjenti ta' ttestjar, pjattaformi u laboratorji ħajjin);
- (b) jibbenefikaw mill-appoġġ tal-intermedjarji fis-sħubija biex tiġi ffaċilitata l-medjazzjoni u l-komunikazzjoni bejn is-sħab;
- (c) jiġu involuti intermedjarji fl-iżvilupp ta' oqfsa ta' sħubija u l-parteċipazzjoni f'sejħiet kompetittivi mal-aġenziji ta' finanzjament;
- (d) jkun hemm involvement ma' intermedjarji biex jagħtu għarfien dwar innovazzjoni responsabbli, pariri regolatorji u gwida dwar kwistjonijiet li fihom l-organizzazzjoni jista' ma jkollhiex għarfien espert (bħall-ġestjoni tar-riskju tat-teknoloġija);
- (e) jingħataw riżorsi adegwati, inklużi l-finanzjament u l-investment fil-professjonalizzazzjoni tal-intermedjarji, u r-rikonoxximent tar-rwol ewlieni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-UE, nazzjonali u reġjonali u fl-allinjament tal-interessi ta' diversi partijiet ikkonċernati, intersettorjali u reġjonali fl-industrija u d-dinja akkademika;
- (f) jiġu appoġġati l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-intermedjarji involuti fil-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika u tiġi mħeġġa l-esperimentazzjoni biex tadatta u tibbenefika minn teknoloġiji ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali;
- (g) tingħata s-setgħa lill-intermedjarji u jsir investment fil-ħiliet meħtieġa billi jiġu ffinanzjati ż-żjarat ta' studju u jiġu pprovduti opportunitajiet ta' taħriġ dwar il-valorizzazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tar-riżultati u tal-intraprenditorija soċjali;
- (h) jiġu mħeġġa intermedjarji mill-industrija u mid-dinja akkademika biex jinvolvu ruħhom ma' dawk li jfasslu l-politika u l-amministrazzjonijiet reġjonali, investituri tal-kapital riskjuż, investituri informali u fondi ta' investment biex joħlqu u/jew isaħħu ċentri ta' innovazzjoni reġjonali u jattiraw l-investment.

3.3. It-tisħiħ tal-valorizzazzjoni tal-eżiti tal-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika

3.3.1. *Huwa rrakkomandat li tiġi promossa l-valorizzazzjoni tal-eżiti tal-attivitajiet ta' kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika billi:*

- (a) inkluż, għal kull riżultat mistenni, regoli dwar is-sjeda u l-kontroll (inkluż l-aċċess miftuħ u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali) u pjan ta' valorizzazzjoni għal aktar impatt; dan il-pjan jenħtieġ li jistabbilixxi r-rwol ta' kull parti, il-passi li għandhom jittieħdu biex ikollhom impatt u għal sfruttament konġunt fejn rilevanti u fejn l-interessi ewlenin tas-sħab ikunu allinjati;
- (b) jiġu stabbiliti mezzi u għodod effettivi ⁽⁴¹⁾, inkluż għall-istandardizzazzjoni, biex tiġi żgurata l-adozzjoni tar-riżultati u t-tfassil ta' lista aġġornata regolarment ta' persunal u punti ta' kuntatt ewlenin għal kull sieħeb f'kollaborazzjoni partikolari;

⁽⁴⁰⁾ Intermedjarji jinkludu pereżempju professjonisti fit-trasferiment tal-ġarfien u tat-teknoloġija, inkubaturi, parks tax-xjenza, ċentri jew raggruppamenti ta' innovazzjoni tal-UE, nazzjonali u reġjonali, esperti tal-proprjetà intellettuali, konsulenti u professjonisti ta' appoġġ għall-innovazzjoni, timijiet ta' komunikazzjoni tax-xjenza u ta' involvement tal-politika, għarfien għall-organizzazzjonijiet ta' konsulenza dwar il-politika/ix-xjenza u professjonisti fil-parteċipazzjoni ta' ċittadini.

⁽⁴¹⁾ Research & innovation valorisation channels and tools - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (europa.eu).

- (c) jiżiedu s-sensibilizzazzjoni u t-teħid ta' vantaġġ mill-iskemi ta' finanzjament pubbliċi u privati, inklużi programmi ta' finanzjament ta' prototip biex tintwera l-fattibbiltà teknika tar-riżultati tar-riċerka, u l-finanzjament tal-Unjoni u nazzjonali għall-iskjerament;
- (d) jiġi mħeġġeġ l-użu ta' għodod u servizzi stabbiliti li jippromwovu l-identifikazzjoni tar-riżultati b'potenzjal għoli ta' innovazzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji u pjanijiet ta' negozju għall-adozzjoni tagħhom fis-soċjetà.

3.3.2. *Huwa rrakkomandat li r-riżorsi jinġabru flimkien u li jkun hemm involviment f'infrastrutturi konġunti u f'faċilitajiet ta' kokreazzjoni biex tissaħħaħ il-kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika billi:*

- (a) jsiru investiment u parteċipazzjoni f'infrastrutturi konġunti tar-riċerka u tat-teknoloġija ⁽⁴²⁾, u f'faċilitajiet ta' ħolqien konġunt, bħal spazji tax-xogħol kondiviżi, ambjent ta' ttestjar u parks tal-innovazzjoni, faċilitajiet ta' ttestjar u esperimentazzjoni ⁽⁴³⁾ u linji pilota ⁽⁴⁴⁾, li jistgħu jipprovdu appoġġ professjonali lill-persunal f'oqsma bħall-iżvilupp tan-negozju, il-kollegament tal-industrija, il-ġestjoni tal-KT/TTOs u l-ġestjoni tal-finanzjament tar-riċerka biex jitnaqqas id-distakk bejn l-industrija u d-dinja akkademika;
- (b) jingħata aċċess għar-riżorsi, bħal faċilitajiet kondiviżi, tagħmir u repożitorji tad-*data*, għall-appoġġ ta' attivitajiet konġunti ta' riċerka u innovazzjoni (u jitqiesu kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità relatati);
- (c) jiġu appoġġati pjattaformi ta' innovazzjoni miftuħa u ssir parteċipazzjoni fihom (inklużi ambjenti u għodod diġitali għall-ħolqien konġunt u t-tlaqqiġ professjonali tal-industrija u tad-dinja akkademika) biex jibdew u jiżviluppaw proġetti ta' innovazzjoni li jibdew minn ideat ta' innovazzjoni, sfidi u ħtiġijiet industrijali u jiġu ffinalizzati billi jinbnew konsorzji u timijiet ta' proġetti ta' innovazzjoni;
- (d) tiġi offruta gwida dwar il-metodi ta' kokreazzjoni, innovazzjoni miftuħa u valorizzazzjoni tal-aħjar prattiki mfassla għall-għanijiet u l-oġettivi speċifiċi tas-sħubija; dawn il-metodi jistgħu jinkludu l-ħsieb tad-disinn, l-approċċi ċċentrat fuq l-utent u l-azzjoni parteċipattiva.

3.4. Il-valutazzjoni tal-eżiti, il-valur maħluq u l-impatt

3.4.1. *Huwa rrakkomandat li jiġu vvalutati l-eżiti, il-valur maħluq u l-impatt tal-attivitajiet ta' kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika billi:*

- (a) isir qbil konġunt dwar metriċi xierqa għal dawn il-valutazzjonijiet u jiġi żgurat bilanċ bejn metriċi orjentati lejn in-negozju, is-soċjetà u r-riċerka. Dawn jistgħu jinkludu innovazzjonijiet identifikati, liċenzji, trademarks u software, kontributi għall-istandards u kopubblikazzjonijiet pubbliċi-privati. L-impatt (bħall-effetti ambjentali, teknoloġiċi, ekonomiċi, tas-soċjetà, politiċi u tas-saħħa) jenħtieġ li jiġi evalwat. Jenħtieġ li jiġu rrapportati impatti negattivi, u t-tħassib etiku jenħtieġ li jiġi vvalutat;
- (b) jsir qbil konġunt dwar u l-iżvilupp ta' metriċi kwalitattivi biex jiġu evalwati l-eżiti tas-sħubija (bħar-relazzjonijiet professjonali, il-fiduċja żviluppata u l-kondiviżjoni tal-għarfien) pereżempju bl-użu ta' sħarriġ immirat u ta' sessjonijiet regolari ta' feedback;
- (c) jintużaw studji tal-każ biex jiġu vvalutati l-impatt fuq is-soċjetà u l-valur għas-soċjetà maħluqa, b'mod partikolari għal proġetti ffinanzjati b'mod predominanti minn fondi pubbliċi, u dawn l-istudji tal-każ jiġu magħmulin disponibbli għall-pubbliku;
- (d) jiġu rieżaminati l-metriċi u l-indikaturi maż-żmien u jiġi mmonitorjat l-impatt fit-tul tas-sħubija f'termini ta' konsistenza, sostenibbiltà, skalabbiltà u użu mill-ġdid;
- (e) tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-valur iġġenerat mill-attivitajiet ta' kokreazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika abbażi tal-impatt maħluq minn dawn l-attivitajiet;
- (f) jiġi żgurat li l-partijiet kollha involuti jqisu l-valur u l-impatt maħluqa mis-sħubija meta jiżviluppaw attivitajiet u sħubijiet futuri.

⁽⁴²⁾ Għall-istabbiliment ta' infrastrutturi tar-riċerka jew tat-teknoloġija, ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (ĠU C 414, 28.10.2022, p. 1).

⁽⁴³⁾ Programm Ewropa Diġitali.

⁽⁴⁴⁾ L-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Iliana IVANOVA
Membri tal-Kummissjoni
